

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2024
(OR. en)**

13980/24

LIMITE

**COPS 523 JAI 1450
POLMIL 332 RELEX 1181
CYBER 270 TELECOM 286
HYBRID 123 IPCR 60
EUMC 459 PROCIV 81
CIVCOM 239 COTER 178
COPEN 432 DISINFO 109
COSI 162 CSC 578
DATAPROTECT 291 CSDP/PSDC 685
IND 457 CFSP/PESC 1373
RECH 424**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Suġġett: Ċensiment Ċibernetiku tal-UE - Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża

1. Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kunsill approva l-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali" (dok. 7371/22). Il-Boxxla kellha l-għan, fost l-oħrajn, li tiżviluppa l-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża għall-protezzjoni, l-identifikazzjoni, id-difiża u l-iskoraġġiment ta' attakki ċibernetiċi.
2. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw "Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża" (dok. 15721/22).
3. Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (dok. 9618/23). F'dawn il-konklużjonijiet, ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew "mistiedna jirrapportaw u jiddiskutu kull sena l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-elementi tal-Komunikazzjoni Konġunta u l-pjan ta' implimentazzjoni tagħha" b'bidu mit-tieni trimestru tal-2024.

4. Fid-19 ta' Lulju 2023, il-Kunsill approva l-Pjan ta' Implimentazzjoni għall-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (dok. 11637/23).
5. Fil-5 ta' Marzu 2024, il-KPS ħa nota tal-Kwestjonarju għaċ-Ċensiment Ċibernetiku dwar l-implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (dok. 7169/24 R-UE/EU-R). Dan il-Kwestjonarju sussegwentement ġie ppreżentat lill-Istati Membri biex jgħinhom jirrapportaw dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni.
6. Fl-24 ta' Ġunju u t-8 ta' Lulju 2024, is-SEAE u l-Kummissjoni ppreżentaw abbozzi ta' verżjonijiet taċ-Ċensiment Ċibernetiku tal-UE, ir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, f'laqgħat tal-Grupp Politiku/Militari, imsaħħa mill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju, u hađu nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.
7. Fit-30 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw lill-Kunsill verżjoni ffinalizzata taċ-Ċensiment Ċibernetiku tal-UE, fil-forma ta' dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal (dok. 12928/24 R-UE/EU-R).
8. Fil-5 ta' Settembru 2024, il-KPS approva ċ-Ċensiment Ċibernetiku tal-UE, bil-ħsieb li jgħaddih lill-Kunsill għall-approvazzjoni, permezz tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER).
9. Il-COREPER huwa għalhekk mistieden japprova d-“Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - iċ-Ċensiment Ċibernetiku tal-UE - Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża”, kif jinsab fid-dok. 12928/24 (R-UE/EU-R), u jippreżentah lill-Kunsill għall-approvazzjoni.